MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 19

IT-TNEJN 26 TA' JANNAR 2010 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI

i Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Estimi Finanzjarji (draft) għas-Sena 2010-2011. Dawn ġew diskussi mill-Kunsill. Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## II APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' ĦIDMA

i Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma għal din is-sena. Dan ġie diskuss mill-Kunsill. Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Il-Kunsill approva li jsir żbir ta' siġar fi Triq A. Craig (dar abbandunata) kif ukoll fi Triq U. Mifsud mill-Kuntrattur tal-Knis tat-Toroq.

ii Is-Sindku rreferiet għall-Memo 90/2009 dwar skemi ta' fondi speċjali li se joħorġu fis-sena 2010. Hija qalet li mhux possibbli li l-Kunsill japplika ghall-iskemi kollha anke għax kultant ma jkunx vijabbli u l-Kunsill jispiċċa jagħmel spejjes ta' xejn. Hija nfurmat li mmedjatament se ssir applikazzjoni għal Skema ta' Fondi lil Kunsilli ż-żgħar fejn nerġgħu nissottomettu t-talba biex jiġu rranġati t-turġien tax-Xatt u l-manutenzjoni tat-Toroq Abate Rigord, Prinċipessa Margerita u Testaferrata. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li hemm memo li tikkonċerna fondi għall-librerji pubbliċi. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

iii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti oġġezzjoni għal fatt li l-bord Editorjali biddel l-artiklu li hu għamel ghal magazine mingħajr ma hu ġie kkonsultat. Is-Sindku qalet li l-emenda kienet waħda żgħira u l-bord kien unanimu dwar din l-emenda.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-pagamenti skond l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. u sar aġġornament għal nhar it-Tneja 15 ta' Frar 2010 fil-5.30p.m.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv